# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu,2002**

**Numru 3**

**Avviz. numru 156/00mm**

**Christopher Colombo**

**vs**

**John Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-11 ta' Frar 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u sittin lira (Lm460) bhala danni minnu kkagunati u minnu subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara San Gwann fis-7 t'Awissu 1998 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru GVN 005 waqt li l-attur kien qed isuq motorcycle numru GAC 694 - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minnhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi huwa mhux responsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-attur, stante li ma kien hemm l-ebda habta u l-ebda mpatt bejn il-vetturi misjuqa mill-attur u mill-konvenut u jekk sofra xi danni l-attur, dawn sofrihom sforz l-imprudenza, imperizja, n-negligenza, u l-inosservanza tar-regolamenti minn naha tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Lulju 1999, u bl-imghax legali kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fis-7 t'Awissu 1998 go Naxxar Road, San Gwann, bejn il-mutur *GAC 694* misjuq mill-attur u l-karozza *GVN 005* misjuq mill-konvenut. Il-karozza ta' dan ta' l-ahhar harget minn Bernardette Street, waqt illi l-attur kien qed isuq il-mutur tieghu fid-dritt lejn il-knisja ta' San Gwann.

L-attur xehed li dakinhar ta' l-incident kien qed isuq il-mutur tieghu go Naxxar Road, San Gwann fid-direzzjoni tal-knisja

b’velocita’ ta’ cirka 35 kilometru fis-siegha (35 k.f.s.). Kif gie fil-kantuniera ma’ Bernardette Street harget karozza bin-numru *GVN 005* misjuqa mill-konvenut. Dan ta’ l-ahhar baqa jaghfas ma’ l-attur, li pprova jevita illi jersaq aktar lejn ix-xellug pero’ mutur ma tantx tista tikkontrollah kif trid u ntlaqat fuq ir-rota ta’ wara, ntilef il-bilanc u l-attur spicca ma’ l-art.

L-attur kompla spjega illi l-konvenut wara li hareg minn Bernardette Street, gibed lejn il-lemin fl-istess direzzjoni tieghu. Qabel ma wasal ghall-inkrocju, l-attur induna bil-karozza tal-konvenut fil-kantuniera, izda ma ssoponiex li dan ser jaqbad u johrog hekk kif l-attur gie quddiemu. L-attur qal ukoll illi meta gew il-pulizija l-konvenut beda jinsisti maghhom illi ma jaghmlux sketch, il-ghaliex kien sejjer jirranga kollox huwa. Sketch fil-fatt ma sarx. Gie suggerit ukoll li ma kienx hemm impatt bejn iz-zewg vetturi. L-attur cahad dan u qal li fil-fatt il-mutur tieghu gie milqut fuq ir-rota ta’ wara, u kien ghalhekk li tilef il-bilanc u ma setghax jikkontrollah aktar. L-attur esebixxa kopja tas-survey, kif ukoll ircevuta tal-flus illi hallas ghat-tiswija, ammontanti ghal erba mija u sittin lira (Lm460.00).

Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda, l-attur ipproduca zewg xhieda okulari ta’ dan l-incident. Wiehed minnhom George Borg xehed (fol 17) li kien qieghed miexi fuq il-bankina ta’ Naxxar Road fid-direzzjoni tal-Knisja,hin minnhom jara vettura hierga minn side road b’mutur jitkaxkar quddiemha. L-incident gara ezatt quddiemu xi ghoxrin pied il-boghod. Kompla jghid li l-mutur kien qed jinstaq fl-istess direzzjoni li kien miexi hu *“il-karozza li harget minn side street harget minghajr ma waqfet u baqghet*

*issuq san-naha l-ohra tat-triq biex giet fuq ix-xellug u hemm hekk baqghet diehla fuq il-mutur".*

Wara l-incident Borg kien l-ewwel wiehed illi mar fuq tal-mutur biex itih l-ghajnuna u mbaghad hareg il-konvenut. Dana staqsa lid-driver tal-mutur jekk gralux xi haga u mbaghad qallu biex ma jinkwieta xejn ghaliex sejjer jirranga kollox ghaliex kien it-tort tieghu u l-insurance tal-Gvern dejjem tkopri ncidenti bil-karozzi taghha.

Xehed ukoll George Agius li dak il-hin kien bilqieghda fuq ghatba u ra l-mutur ta' l-attur ghaddej minn quddiemu. Kompla jghid *"hin minnhom jiena nara karozza hierga minn side road u hasdet lis-sewwieq tal-mutur. Tant hu hekk illi rajtu jitlef il-bilanc u rajtu jaqa ma' l-art u kien kwazi ser jidhol go romblu tal-cable li kien hemm fit-triq." "…..l-amment illi ghandi ta' dan l-incident hija li kienet il-karozza illi hargitlu ghan-nofs."* Wara l-incident Agius ighid li semgha lill-konvenut ighid *"it-tort tieghi, t-tort tieghi".*

Jidher illi l-konvenut ukoll ammetta t-tort quddiem is-Surgent PS 778 David Sant, fejn spjega a fol 32 illi l-konvenut kien qallu li ser jirranga kollox huwa u kien ammetta t-tort. Qal illi sketch ma sarx peress li l-konvenut kien qallu li dana ma kienx hemm ghalfejn isir. Terga, s-surgent qal li ma kienx hemmx impatt bejn iz-zewg vetturi.

Dan ukoll gie allegat mill-konvenut fejn quddiem din il-Qorti ta l-versjoni tieghu ta' dan l-incident. Qal li kien qed isuq il-karozza GVN 005, u ried johrog minn Bernardette Street u jigbed lejn il-

lemin fid-direzzjoni tal-knisja. Fuq ix-xellug tieghu kien hemm xi karozzi pparkjati go Naxxar Road li kienu qieghdin jostakolawlu l-vista, izda hareg bil-mod, waqaf, hares u meta accerta ruhu li ma kien gej xejn, hareg. Meta beda jaghmel hekk induna li kien hemm motorcycle proprju quddiemu, waqqaf il-karozza mmedjatament, pero' dan il-mutur waqa quddiemu. Kien diga lahaq nofs it-triq meta gie dan il-mutur pero', rnexxielu jwaqqaf il-karozza, s-sewwieq tal-mutur donnu tfixkel, tbandal u waqa ma' l-art.

Fil-kontro ezami tieghu, l-konvenut ikkonferma illi l-mutur ma rah fl-ebda hin qabel ma tfacca quddiemu. Nnega illi huwa qal lis-surgent sabiex ma jaghmilx sketch. Il-fatt illi sketch ma saritx, kienet decizzjoni tal-pulizija u dana peress illi ma kienx hemm impatt bejn iz-zewg vetturi. Nnega illi huwa ammetta r-responsabbilta' ta' dan l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel kontroversja li hemm bejn il-partijiet li trid tidderimi din il-Qorti huwa jekk kienx hemm impatt bejn iz-zewg vetturi. L-attur ighid illi l-mutur tieghu ntlaqghat fuq ir-rota ta' wara, waqt li l-konvenut ighid li ma kienx hemm impatt bejn iz-zewg vetturi u l-mutur tilef il-bilanc hekk kif gie quddiemu. Il-Qorti jidhrilha illi l-

fatt li ma jkunx hemm impatt bejn iz-zewg vetturi, ma jfissirx illi persuna ma tistax tkun responsabbli ghal hsarat ikkawzati minnhabba xi negligenza.

L-awturi Inglizi *Isaccs and Leeveson* fil-ktieb <u>*The Law of Collisions*</u> taht il-paragrafu *Collisions In Direct Due To Defendant* page 151 ighidu *"were a plaintiff claims damages because of some injury he has received through being involved in a collision, a defendant may be liable, even if neither he nor his vehicle was in actual contact with plaintiff or his vehicle. It is sufficient if plaintiff's harm was casually connected with defendant's negligence."*

Il-Qrati Maltin ukoll kellhom okkazzjoni jippronuncjaw ruhhom fuq dan il-punt. Fil-fatt fil-kawzi <u>Godfrey Gauci Grech vs Emanuel Zahra</u> (Prim Awla FGC deciza fit-18 ta' Novembru 1992) il-Qorti qalet *"…il-fatt illi ma tkunx grat kollizzjoni attwali bejn il-vettura ta' l-attur u dik tal-konvenut, ma jfissirx illi dana jkun awtomatikament ezonerat minn kull responsabbilta". Ghalhekk il-Qorti trid tindaga l-operat tal-persuni nvoluti fuq dan l-incident biex tara fejn qieghda din ir-responsabbilta'. Il-fatt li ma kienx hemm impatt bejn iz-zewg vetturi, ma jfissirx illi b'daqshekk ma hemmx xi responsabbilta' xi twiegeb ghal l-istess incident".*

L-attur ighid illi kien qieghed isuq il-mutur tieghu b'velocita' ta' cirka hamsa u tletin kilometru fis-siegha (35 k.f.s) go Naxxar Road fid-direzzjoni tal-knisja. Kien qed isuq ghad-dritt.

Il-konvenut minn naha l-ohra kien hiereg minn side street biex jidhol fi triq principali u jiehu l-istess direzzjoni li kien ser jiehu l-attur.

Ma hemmx dubbju li Triq Bernardette hija triq sekondarja fil-konfront ta' Naxxar Road minn fejn kien ghaddej l-attur u ghalhekk kien jinkombi fuq il-konvenut attenzjoni ferm aktar qabel ma huwa johrog fi triq principali biex jassigura li jista jaghmel hekk minghajr perikolu ghalih u ghal haddiehor.

Fil-kawza Il-Pulizja vs Pawlu Borg (Vol XXXVI pt i pg 797) il-Qorti kienet qalet *"ghalkemm driver ghandu dejjem joqghod attent sia jekk ikun fuq it-triq id-dritta kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, huwa nutriwittiv u huwa principju affermat f'diversi decizzjonijiet tal-Qrati Inglizi illi driver li sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni illi huwa ikun sejjer jaqsam l-stream of traffic li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri d-driver fuq it-triq id-dritta la darba ser ikompli ghad-dritt ma jkun sejjer ifixkel lil hadd."* (ara wkoll Appell Kriminali Pulizija vs G Galdes Vol XXX VII pg 1108).

Il-konvenut qal li kellu l-vista fuq in-naha tax-xellug ostakolata bil-karozzi li kien hemm ipparkjati. Dan il-fatt m'ghandhux jezonera lill-konvenut. Aktar ma tkun riskjuza u difficli l-manuvra, aktar huwa gholi d-dover li jinkombi fuq is-sewwieq li jaccerta ruhu li jista johrog fuq it-triq principali minghajr perikolu. Il-konvenut ighid illi hares u accerta ruhu li ma kien gej xejn, izda

hareg il-karozza tieghu xorta wahda u fil-pront induna bl-attur quddiemu. Evidentement, il-konvenut ma harisx sew biex induna bil-mutur dak il-hin, proprju fl-agonija ta' l-incident. Habat

jew ma habatx mal-mutur kien att negligenti da parti tal-konvenut illi johrog b'dak il-mod minn side road minghajr ma jiehu l-prekawzjonijiet kollha.

Naxxar Road hija triq traffikuza hafna u kwazi f'kwalunkwe hin tal-gurnata jkun hemm karozzi ghaddejjin fiha. Ghalhekk il-konvenut kien fid-dover li jassigura li jista johrog fuq il-main road minghajr perikolu ghal hadd u l-Qorti ma tantx tista temmnu meta jghid illi huwa accerta ruhu li ma kien gej xejn. Huwa difficli li go Naxxar Road ma jkun gej xejn, anzi f'toroq bhal dawn is-sewwieq ghandu dejjem jassumi illi karozzi ser ikunu ghaddejjin dak il-hin li huwa ser johrog fuq il-main road, fejn allura l-attenzjoni tieghu ghandha tkun ta' l-aktar livell gholi.

Ma jistax ikun illi jkun hemm sitwazzjonijiet fejn sewwieq ighid illi hares, ma ra xejn u mbaghad ftit attimi wara gara l-incident. Dan il-mutur ma giex mis-sema, kien fit-triq ben visibbli ghall-konvenut kieku ha l-briga u jhares sew u jaccerta ruhu illi setgha johrog fuq il-main road minghajr il-perikolu ghal dan il-mutur. Il-Qorti hija propensa illi toqghod fuq ix-xhieda okulari ta' George Borg meta jghid li: *"l-karozza harget minn side street minghajr ma waqfet u baqghet issuq sa n-nahha l-ohra tat-triq."*

Il-konvenut kien jaf sew x'ghamel. Tant hu hekk illi huwa ammetta ghal aktar minn darba illi t-tort kien tieghu. Semghuh ighid dan kemm George Borg, George Agius u anke s-surgent xehed li l-konvenut ammetta mieghu illi t-tort kien ta' l-istess

konvenut, pero' l-Qorti ma qaghditx fuq din l-ammissjoni. Ezaminat il-fatti u tat il-konsiderazzjonijiet taghha dwarhom u jidhrilha li l-attur ipprova l-kaz tieghu fi grad li trid il-Ligi illi dan l-incident gara unikament u esklussivament ghat-traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta l-konvenut qabad u hareg minn side road ghal fuq triq principali minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident awtomobilistiku li gara San Gwann fis-7 t'Awissu 1998 bejn il-mutur GAC 694 misjuq mill-attur u l-vettura numru GVN 005 misjuq mill-konvenut u dana minnhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' erba' mija u sittin lira (Lm460.00) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg